MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Numru 33/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Aulis Zopp**
**Janno Aun**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 33 tas-sena 2009 kontra l-akkuzati Aulis Zopp u Janno Aun, li bih huma gew akkuzati talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fl-1 ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-jiem ta' qabel din id-data f'Malta u barra minn Malta, l-akkuzati Aulis Zopp u Janno Aun iddecidew illi jibdew imexxu u jittraffikaw illegalment fid-droga kokajina f'Malta. Illi fl-1 ta' Frar 2008 giet importata f'Malta illegalment kwantita' kbira ta' droga kokajina ta 'l fuq minn hames kilos u nofs (5,761.5 grammi) meta wasslu Malta fuq titjira KM 697 minn gewwa Tripoli. Din id- droga kienet intiza ghal

persuni ohra gewwa Malta sabiex tigi ttrafikata bi profitt kbir. Fortunatament din il-kunsinna kbira ta’ droga kokajina giet maqbuda mill-Pulizija mal-wasla taghha Malta gewwa l-ajruport ta’ Malta waqt *search* kondotta fuq hwejjighom. Din id-droga tiswa izjed minn hames mija, tlieta u disghin elf, erba’ mija u erbgha u tlettin Ewro (€593,434) ekwivalenti ghall mitejn, erba’ u hamsin elf, sitt mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm 254,692).

Illi biex isehh dan il-pjan mahsub minn qabel li din id-droga kokajina importata illegalment minn Aulis Zopp u Janno Aun tigi kkunsinnata lil persuni ohra gewwa Malta bi skop li jitraffikawha, fil-gimghat u zmien ta’ qabel din id-data, Aulis Zopp u Janno Aun xjentement assocjaw ruhom ma persuni ohra barra minn Malta u gewwa Malta u wara li assocjaw ruhhom ma dawn il-persuni ftehmu u ikkumbinaw bejniethom id-data, r-rotta ta’ l-ajru u l-mezz kif kienu sa jimportaw id-droga (kokajina) mohbija f’qiegh falz ta’ bagalja.

Fortunatament minhabba intercezzjonijiet mill-Korp tal-Pulizija dan il-pjan gie mifxul fil-1 ta’ Frar 2008.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’ghemilhom l-imsemmija Aulis Zopp u Janno Aun saru hatja talli assocjaw ruhom ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina f’dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromowovaw, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-ismijiet hawn fuq msemmija akkuza lill-imsemmi Aulis Zopp u Janno Aun hatja talli assocjaw ruhom ma’ xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina f’dawn il-Gzejjer (kokajina) kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromwovaw, ikkostitwixxew,

organizzaw jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzati u illi huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorhom u multa ta' mhux inqas minn inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatjin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 17, 18, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fil-jiem ta' qabel l-1 ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) l-akkuzati Aulis Zopp u Janno Aun ltaqghu ma' persuni ohra u bejniethom ftehemu li l-akkuzati jimportaw klandestinament f'Malta kwantita' kbira tad-droga kokajina sabiex ibieguha u jittrafikawha f'Malta. Di fatti huma ftehmu li l-akkuzati jigu lejn Malta minn Tripoli fuq titjira b'bagalja bid-droga mohbija f'qiegh falz.

In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, fl-1 ta' Frar ta' dik is-sena 2008, Aulis Zopp u Janno Aun telqu minn Tripoli u waslu Malta tramite titjira KM 697 bid-droga kokajina xjentement mohbija fil-qiegh falz tal-bagalja. Kif dan l-ajruplan wasal Malta, u l-akkuzati nizlu l-art, huma u ghaddejin mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ufficjali tad-Dwana stazzjonati hemmhekk waqqfuhom u, waqt *search* kondotta fuq hwejjighom, instabu fl-imsemmija bagalja iktar minn hames kilo u nofs tad-droga kokajina (5761.5 grammi), liema droga tiswa izjed minn hames mija, tlieta u disghin elf, erba' mija u erba' u tlettin Ewro (€593,434) ekwivalenti ghall mitejn, erba u hamsin elf, sitt mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm 254,692).

Illi ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija Aulis Zopp u Janno Aun saru hatja talli importaw, gieghlu li tigi importata jew ghamlu xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioe' meta ma kellhomx awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Aulis Zopp u Janno Aun talli importaw, gieghlu li tigi importata jew ghamlu xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioe' meta ma kellhomx awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorhom u multa ta' mhux inqas minn inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar r-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12,14, 15A, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, r-regola 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u fl-artikoli 17,18, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi ndikati fl-ewwel u fit-tieni kap ta' din l-att ta' l-akkuza, u cioe' fil-1 ta' Frar tas-sena elfejn u

tmienja (2008) u l-jiem ta' qabel, Aulis Zopp u Janno Aun waslu Malta u kellhom fil-pussess xjenti taghhom illegalment iktar minn hames kilos u nofs kokajina ( 5,761.5 grammi) ta' purita ta' 53% li ma kienitx ghal uzu esklussiv taghhom u liema sustanza ghandha l-valur ta' l-fuq minn hames mija, tlieta u disghin elf, erba' mija u erbgha u tlettin Ewro (€593,434) ekwivalenti ghall mitejn, erba u hamsin elf, sitt mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm 254,692). Din id-droga kienet intiza biex tigi kkonsenjata mill-akkuzati ghand persuni ohra gewwa Malta sabiex tigi ttrafikata f'Malta bi profitt kbir.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi.

Illi b'ghemilhom, l-imsemmija Aulis Zopp u Janno Aun saru hatja talli kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokajina meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifattura jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Aulis Zopp u Janno Aun talli kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokajina meta ma kienux fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi jigu kkundanati ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorhom u multa ta' mhux inqas minn inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jinqtal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi u r-regola 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta' l-1939) u fl-artikoli 17, 18, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmija akkuzati.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużati Aulis Zopp u Janno Aun tat-23 ta' Novembru, 2011, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużati għall-akkużi miġjuba kontrihom, il-piena li għandha tigi inflitta fuqhom kull wiehed minn din il-Qorti għandha tkun wahda ta' priġunerija għal periodu ta' erbatax (14) il-sena flimkien ma multa ta' hamsa w tlettin elf Ewro (€35,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perrikoluzi (Kap. 101), inkluz il-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti

kollha li dwarhom sar ir-reat u ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta` mobbli u immobbli tal-istess akkuzati.

Rat ir-rikors ippreżentat mill-Avukat Ġenerali fit-23 ta' Novembru, 2011 li bih informa lill-Qorti li r-rikors li jindika qbil fuq l-ammissjoni u l-piena ffirmat bejn il-partijiet u ppreżentat quddiem dina l-Onorabbli Qorti sar wara li ġiet ikkunsidrata l-possibilita' tar-riduzzjoni tal-piena b'żewġ gradi in forza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kap 101.

Rat illi waqt is-seduta tallum, l-akkużati, mistoqsija jekk humiex ħatja skond l-Att tal-Akkuza, wieġbu billi stqarru li huma kienu ħati tar-reati hemm dedotti kontra taghhom;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba w tathom ftit taż-żmien biex jergghu lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużati baqghu jtennu t-tweġiba li huma kienu ħatja.

Tiddikjara ghalhekk lil Aulis Zopp u Janno Aun hatja :-

1. talli fl-1 ta' Frar, 2008 u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'Malta u barra minn Malta assocjaw ruhom ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina f'dawn il-Gzejjer (kokajina) kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromwovaw, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.
2. talli fl-1 ta' Frar, 2008 u fil-jiem ta' qabel din id-data, importaw, gieghlu li tigi importata jew ghamlu xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioe' meta ma kellhomx awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.
3. talli fl-1 ta' Frar, 2008 u l-jiem ta' qabel kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokajina meta ma kienux fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond

id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero’ ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b’arrest tal-hatja, w lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Qieset illi r-reat taht it-tielet Kap tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huwa assorbit fl-ewwel u t-tieni kapi tal-Att ta’ l-Akkuza, stante li servew bhala mezz ghall-fini biex setgha jigi kommess r-reat in kwistjoni a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn).

Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, konformement mad-dispozizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 120 (2) (a) (i) u l-proviso (aa) tal-Kap. 31 u l-artikolu 22(2)(a)(i) u l-proviso (aa) tal-Kap.101, u senjatament l-eta’ tal-hatja, l-kondotta ta’ qabel tal-hatja, ix-xorta w l-kwantita’ tat-taghmir jew materjali, ic-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta’ reati simili w fejn il-kwantita’ tad-drogi kienet piu’ o meno simili ghal dik involuta f’dan il-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta’ sanzjonijiet u mizuri mitluba huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta’ htija ghar-reati li dwarhom il-hatja ammettew l-htija taghhom w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz,

jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Ghaldaqstant, wara l qieset dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 u 29 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi(Kap. 101) u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) u fl-artikoli 17, 18, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hatja Aulis Zopp u Janno Aun ghall-piena ta' erbatax (14) il-sena prigunerija kull wiehed, b'dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata' kull zmien li huma ghamlu taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma' dawn ir-reati kif ukoll tikkundannhom ihallsu multa ta' hamsa w tlettin elf Euro (€35,000) kull wiehed konvertita fi tmintax–il xahar prigunerija jekk ma jithallsux fi zmien hmistax. Tikkundanna wkoll liz-zewg hatja biex ihallsu s-somma ta' elf u disgha u hamsin Euro u hamsa u disghin Euro centezmi (€1059.95) kull wiehed rapprezentanti nofs tal-ammont intier ta' elfejn, mija u dsatax-il Euro u disa` u tmenin Euro centezmi (€2119.89) ta' l-ispejjez peritali inkorsi f'dan il-process a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hatja;

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni
ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hatja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------